Nru./No. 21,228
Prezz/Price
€7.02

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' April, 2024
Friday, 19th April, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4457 - 4472
Government Notices ..... *4457 - 4472*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4472 - 4474
Police Notices ..... *4472 - 4474*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4474 - 4491
Notices to Mariners ..... *4474 - 4491*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 4492 - 4594
Employment Opportunities ..... *4492 - 4594*

Avviżi tal-Gvern ..... 4594 - 4600
Notices ..... *4594 - 4600*

Offerti ..... 4600 - 4605
Tenders ..... *4600 - 4605*

Avviżi tal-Qorti ..... 4605 - 4608
Court Notices ..... *4605 - 4608*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 511

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Logutenent Kurunell Mario Borg mir-Riżerva Individwali tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-21 ta' April, 2024.

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 512

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT TAL-ISTAT

BIS-SETGĦAT mogħtija bl-Artikolu 91A(1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat il-ħatra bħala Aġent Avukat tal-Istat ta' Dott. Andria Buhagiar, Deputat Avukat tal-Istat, mit-22 ta' April, 2024 sal-25 ta' April, 2024.

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 513

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 94 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika;

Abbozz ta' Liġi Nru 95 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; u

Abbozz ta' Liġi Nru 96 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 514

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Delega għall-Approvazzjoni tal-Ħruġ ta' Bolli u l-Għemil ta' Programm dwar il-Ħruġ ta' Bolli

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254), il-Ministru

GOVERNMENT NOTICES

No. 511

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Lieutenant Colonel Mario Borg from the Armed Forces of Malta Individual Reserve of Officers, with effect from the 21st April, 2024.

19th April, 2024

No. 512

APPOINTMENT OF ACTING STATE ADVOCATE

IN exercise of the powers conferred by Article 91A(1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting State Advocate of Dr Andria Buhagiar, Deputy State Advocate, with effect from 22nd April, 2024 until 25th April, 2024.

19th April, 2024

No. 513

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 94 entitled the Gender-Based Violence and Domestic Violence (Amendment) Act, 2024;

Bill No. 95 entitled the Malta Digital Innovation Authority (Amendment) Act, 2024; and

Bill No. 96 entitled the Companies (Amendment) Act, 2024.

19th April, 2024

No. 514

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Delegation for the Approval of Postage Stamp Issues and the Formulation of a Programme in Respect of Postage Stamp Issues

IT is notified for general information that by the powers of the Postal Services Act (Cap. 254), the Minister for the

għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi iddelega lis-Sur Ronald Mizzi, Segretarju Permanenti, il-funzjoni li japprova il-ħruġ ta' bolli u l-għemil ta' programm dwar il-ħruġ ta' bolli.

Dan huwa għal perjodu ta' sentejn b'effett mill-20 ta' April, 2024.

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 515

ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

L-ISKRIVAN tal-Kamra tad-Deputati approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Josanne Paris	Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati *Acting Clerk of the* *House of Representantives*	Kamra tad-Deputati Parlament ta' Malta *House of Representatives* *Parliament of Malta*	21.4.24 - 24.4.24

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 516

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata l-1 ta' Novembru, 2023, mogħtija mid-District Magistrate (Magistrat V. Vigneshwari IAS), Kottayam, fl-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 517

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 22 ta' Lulju, 2023, mogħtija mill-

Economy, Enterprise and Strategic Projects has delegated to Mr Ronald Mizzi, Permanent Secretary, the function to approve postage stamp issues and the formulation of a programme in respect of postage stamp issues.

This is for a period of two years with effect from 20th April, 2024.

19th April, 2024

No. 515

APPOINTMENT OF ACTING CLERK OF THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

THE Clerk of the House of Representatives has approved the following temporary appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Josanne Paris	Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati *Acting Clerk of the* *House of Representantives*	Kamra tad-Deputati Parlament ta' Malta *House of Representatives* *Parliament of Malta*	21.4.24 - 24.4.24

19th April, 2024

No. 516

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 1st November, 2023, issued by the District Magistrate (Magistrate Vigneshwari IAS), Kottayam, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

19th April, 2024

No. 517

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 22nd July, 2023, issued by the Office

Office of the District Magistrate f'Patna, fl-istat ta' Bihar, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 518

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1391, ippublikata fil-Gazetta tal-Gvern numru 20,290, tal-5 ta' Novembru 2019, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern sussegwenti Nru. 401 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,839 tad-19 ta' April, 2022, l-iskema ta' għotja 'Għotja fuq Xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità' qed tiġi emendata kif ġej.

Sabiex il-Gvern jassisti lill-persuni b'diżabilità li jkollhom il-bżonn li jixtru apparat speċjali sabiex ikomplu fil-ħajja tagħhom, il-Ministru għall-Finanzi nieda din l-iskema.

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta u li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, jew xi persuna jew entità oħra f'isem persuna b'diżabilità li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2020;

'Malta' tfisser il-gżejjer ta' Malta;

'persuna' tfisser persuna fiżika u ma tinkludix xi entità organizzativa;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti Oħra tal-Identità

of the District Magistrate, Patna, Bihar State, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

19th April, 2024

No. 518

MINISTRY FOR FINANCE

Grant on the Purchase of Special Equipment for use by Persons with Disability

WITH reference to Government Notice number 1391, that was published on the 5th November, 2019 in Government Gazette number 20,290, and the subsequent Government Notice No. 401 published in Government Gazette No. 20,839 of the 19th April, 2022, this grant scheme 'Grant on the Purchase of Special Equipment for use by Persons with Disability' is being amended as follows.

In order for the Government to assist persons with disability that need to purchase special equipment required to live an independent life, the Ministry for Finance issued the following scheme.

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means any person who is a resident in Malta and who is registered as a person with disability with the Commission for the Rights of Persons with Disability, or any other person or entity applying in the name of a disabled person who is registered as disabled with the Commission for the Rights of Persons with Disability;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'effective date' means the 1st January, 2020;

'Malta' means the islands of Malta;

'person' means a natural person and does not include any organisational entity;

'person residing in Malta' means a natural person who holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and Other Documents Act (Cap. 258)

(Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti;

'entità' tfisser organizzazzjoni li hija rreġistrata bħala Organizzazzjoni mhux Governattiva mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji;

'rċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'apparat speċjali' ifisser kwalunkwe apparat li hu inkluż fl-iskeda (A) anesssa ma' din in-notifikazzjoni u li hu intiż għall-użu ta' persuni b'diżabilità u li bihom jitjieb il-livell tal-ħajja u indipendenza tal-persuni b'diżabilità;

'valur tax-xiri tal-apparat' ifisser il-valur aħħari tax-xiri tal-apparat komplut, inkluż il-VAT, u liema valur tal-apparat ikun tħallas kollu mill-applikant qabel japplika għal din l-għotja.

2. Applikabilità

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri tal-apparat speċjali mill-applikant, liema apparat ikun inxtara mill-applikant fid-data effettiva jew wara, matul it-terminu ta' din l-iskema.

3. L-infiq li għandu jiġi rrappurtat

L-infiq li għandu jiġi rrappurtat huwa dwar il-valur tax-xiri tal-apparat speċjali biex jintuża esklussivament minn persuni b'diżabilità u kif huwa deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru permezz tal-portal elettroniku uffiċjali jew billi żżur wieħed miċ- ċentri tas- Servizz.gov f'Malta jew l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana (Uffiċċju ta' Għawdex) f'Għawdex, li jinstab f' Tiġrija Palazz, Livell 1, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex

(ii) L-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali u kull dokumentazzjoni oħra meħtieġa hekk kif meħtieġ fuq il-portal indikat. Iżda, l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni relevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill- Amministrazzjoni tat- Taxxa u d- Dwana meta mitluba għal skop ta' verifika.

F'każ fejn d-dokumenti ma jiġux preżentati meta mitluba l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata

or who has a residence permit or equivalent documentation issued by a competent authority;

'entity' means an organisation that is registered as a Non-Governmental Organisation with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Chap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made under the same Act;

'special equipment' means any type of equipment that is included in schedule (A) that is annexed to this notice and that is intended for the use of persons with disability and specifically aimed to improve their level of life and independence;

'purchase price of the equipment' means the total purchase price of the complete equipment including VAT and which purchase price has been paid in full by the applicant prior to applying for this grant.

2. Area of applicability

This scheme applies to the expenditure that is incurred on the purchase price of the special equipment by the applicant, and which equipment is purchased by the applicant on the effective date or afterwards during the duration of this scheme.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the purchase price of the special equipment as defined in paragraph 1 above.

4. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this scheme shall be made via the official electronic portal or by visiting a Servizz.gov hub in Malta or the Office of the Malta Tax and Customs Administration (Gozo Office) in Gozo at Tigrija Palazz, Level 1, Republic Street, Victoria, Gozo

(ii) The applicant shall furnish the details of the invoices/ fiscal receipts and any further documentation required to be submitted as required on the indicated portal. Provided that, the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Malta Tax and Customs Administration for verification purposes.

Failure to produce any such documents upon request the applicant will be obliged to refund the amount paid under the

taħt l-iskema u f'każ ta' applikazzjoni frawdolenti tittieħed azzjoni kriminali kontrih skont il-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

(iii) Fil-każ ta' apparat speċjali mhux mixtri minn Malta jkun meħtieġ li dawn id-dokumenti kif ġej jinżammu mill-applikant għall perjodu kif indikat iktar il-fuq. Id-dokumenti meħtieġa huma fattura oriġinali maħruġa mill-fornitur tal-apparat speċjali flimkien mad-*delivery note*, id-dokument oriġinali li jikkonferma li l-ħlas komplet sar, u fejn ikun meħtieġ, awtorizzazzjoni mill-Maltapost/Dipartiment tad-Dwana ta' Malta. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li l-apparat speċali verament inxtara; li l-valur tax-xiri tal-apparat speċjali tħallas kollu flimkien mad-dazju u VAT dovut fuqu kif ikun meħtieġ; li dan ix-xiri jkun sar mix-xerrej għall-applikant; u li l-apparat speċjali ġie kkunsinnat fir-residenza tal-applikant jew tal-persuna b'diżabilità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Barra minn hekk fejn ikun meħtieġ l-apparat speċjali mixtri jrid ikollu ċertifikat li jattesta l- konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-UE;

(iv) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

(v) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jigu sottomessi, mhux aktar tard minn *sitt xhur* mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali.

Applikazzjonijiet sottometti 'tard', jiġifieri wara dawn is-sitt xhur, jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

(a)Applikanti li jikkwalifkaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' mhux aktar minn 4.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq l-ewwel parti tal-iskeda (A) u ta' mhux aktar minn 17.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq it-tieni parti tal-iskeda (A) u sa għotja ta' limitu massimu ta' €1,000.

(b) Dawn il-livelli massimi ser ikunu applikabbli għal perjodu ta' ħames snin minn meta l-individwu jkun ibbenefika mill-ewwel għotja. Għalhekk individwu jista' japplika diversi drabi għal din l-iskema ta' għotja iżda ma jistax jeċċedi l-ammont kumulattiv tal-għotja/għotjiet b'iktar mill-livell massimu indikat. Dan jibqa' japplika għal perjodu ta' ħames snin.

(c) Fil-każ ta' persuni li diġà bbenefikaw mill-għotja tal-iskema preċedenti relatati max-xiri ta' Apparat Speċjali għall-użu minn Persuni b'Diżabilità, il-kundizzjonijiet applikabbli taħt il-klawżola 5 tal-iskema ta' għotja maħruġa skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 951, li ġiet ippubblikata fl-1 ta' Settembru, 2017 fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,587, u sussegwentement emendata bin-Notifikazzjoni

scheme and in the case of a fraudulent application criminal action in terms of the Criminal Code (Cap 9) will be taken against him.

(iii) In the case of special equipment not purchased from Malta the original invoice issued by the supplier indicating the type of special equipment purchased, together with the delivery note, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/ Department of Customs Malta as may be required, must be retained by the applicant for a period as stipulated above. These documents must confirm that the special equipment was really purchased; that the purchase price of the special equipment which price includes duty and VAT as may be required was really paid in full; that such a purchase was effected by the purchaser for the applicant; and that the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the person with disbility for whom the application would have been made. The special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required;

(iv) Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of this scheme.

(v) Applications under this scheme should be submitted by not later than *six months* from the purchase of the special equipment.

Applications submitted 'late', that is after the six month period, shall be deemed to be invalid applications.

5. Grant payable under this scheme

(a) Eligible applicants may apply for a grant of not more than 4.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part one of schedule (A) and for a grant of not more than 17.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part two of schedule (A), subject to a maximum capping of €1,000.

(b) This capping will be applicable for a five year period from when the individual would have benefitted from the first grant. Therefore an individual is able to apply multiple times for this grant scheme but the cumulative amount of the grant/s received cannot be more than the indicated maximum capping. This will apply for a period of five years.

(c) In case of persons who have already benefited from the grant of the previous scheme related to the purchase of special equipment for use by persons with disability, applicable conditions under clause 5 of the grant scheme issued in terms of Government Notice number 951, that was published on the 1st September 2017 in Government Gazette number 19,587, and as subsequently amended by Government Notice number

tal-Gvern numru 164, li ġiet ppubblikata fid-9 ta' Frar, 2018 fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,946, se jibqgħu fis-seħħ fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u jibqgħu jkunu effettivi u vinkolanti, soġġett li l-limitu massimu se jkun ta' €1,000. Dan il-limitu massimu se jkun applikabbli għal perjodu ta' ħames snin minn meta l-individwu jkun ibbenefika mill-ewwel għotja u l-ammont kumulattiv tal-għotja/għotjiet ma jistax ikun aktar mill-limitu massimu indikat anki jekk din inkisbet bis-saħħa tal-għotja imsemmija ppubblikati min-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 951 u sussegwentement emendata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 164.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant, jew lill-ġenitur/i/ kustodju/i legali fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax il sena, permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

(a) ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;

(b) ma jkollhiex inklużi magħha d-dettalji kollha rilevanti;

(c) ma tkunx sottomessa -fi żmien sitt xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali kif stipulat fil-paragrafu 4 ta' din l-iskema.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien indefinit mid-data effettiva, sakemm il-Ministru għall-Finanzi jagħżel li jimmodifikaha/ jitterminaha permezz ta' avviż li jkun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

SKEDI

Skeda A – Lista ta' Apparat Speċjali Eliġibbli

Skeda A

L-Ewwel Parti

Amplifiers għall-apparat komunikattiv għall-persuni neqsin mis-smigħ;
Bath tub lifters;
Typewriters tal-*Braille* u *embossers*;
Bsaten Bojod;

164, that was published on 9th February 2018 in Government Gazette number 19,946, shall be kept in force within their terms and conditions and shall continue to be effective and binding, subject that the maximum capping shall be €1,000. This capping will be applicable for a five-year period from when the individual would have benefitted from the first grant and the cumulative amount of the grant/s received cannot be more than the indicated maximum capping even if this was obtained in virtue of the said grant published by Government Notice number 951 and subsequently amended by Government Notice 164.

6. Payment of Grant

The grant will be credited to the applicant, or to the parent/s/ legal guardian/s in the case of applicants under the age of sixteen, in the bank account that is indicated in the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

(a) it is full and complete in all material aspects;

(b) it is accompanied by all the relevant details as required;

(c) it is submitted by not later than six months from the date of purchase of the special equipment as is stipulated in paragraph 4 of this scheme.

8. Duration of the scheme

This scheme shall remain in force for an indefinite period from the effective date, until such time that the Minister for Finance may opt to modify/ terminate it by a notice to be published in the Government Gazette

9. Amendments to the scheme

The Minister for Finance reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

SCHEDULES

Schedule A – List of Eligible Special Equipment

Schedule A

First Part

Amplifiers for communications devices for persons with impaired hearing;
Bath tub lifters;
Braille typewriters and embossers;
White Sticks;

Bsaten u *Ferrules*;
Buggies speċjali;
Chairlifts;
Gutter Frames;
Hoists;
Lifts biex iddaħħal is-siġġu tar-roti fil-karozza;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Saqqijiet għal kontra l-feriti;
Sedili għoljin tat-*toilet*;
Sedili tat-*toilet* li jintefħu;
Siġġijiet tar-roti manwali;
Siġġijiet tar-roti tal-elettriku;
Siġġijiet speċjali;
Siġġijiet *special feeder*;
Swimming Pool Lifters;
Toilet frames/surrounds;
Walkers speċjali tat-tfal.

Walking Sticks and Ferrules;
Special Buggies;
Chairlifts;
Gutter Frames;
Hoists;
Wheelchair lifts for vehicles;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Pressure relief mattresses;
Raised toilet seats;
Padded/Inflatable toilet seats;
Manual wheelchairs;
Powered wheelchairs;
Special seats;
Special feeder chairs;
Swimming pool lifters;
Toilet frames/surrounds;
Children special walkers.

It-Tieni Parti

Sodod speċjali (sodod b'għoli varjabbli, idrawliċi jew motorizzati);

Pultruni *Lifting* u/jew *Reclining*;
Apparat ta' għajnuna fil-kamra tal-banju bħal siġġijiet tax-*shower* u *grab rails;*
Guide Dogs (Liċenzjati mill-*Malta Guide Dog Foundation*);
Service Dogs (Liċenzjati mill-*Malta Service Dog Association*);
Magni tal-*continuous positive airway pressure therapy* (CPAP);
Scooters li jiffaċilitaw il-mobilità;
Kompjuters (inklużi *laptops, iPads u tablets*);
Reader Pens (*pen format OCR scanners* u *speech enabled readers* għall-persuni bid-dyslexia jew livell ta' viżjoni baxx ħafna;
Apparat speċifikament għall-għomja (bħal *displays* ta' tipa kbira u *voice based output),* bħal *victor reader, CCTV magnifiers* u *OCR scanners;*
Teknoloġija ta' *smart home automation* meta tkun installata għall-benefiċċju ta' persuni b'mard newro deġenerattiv u persuni li jużaw il-*wheelchair;*
Teknoloġija li taħdem b'*eye tracking* u *head tracking* meta użata għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilita sabiex tgħinhom fl-i*screen pointer control* u/jew fil-kommunikazzjoni tat-tip a*ssistive and augmentative;*
Prodotti ta' teknoloġija assistiva bħal *TheGrid, Clicker8, Boardmaker, Dragon Naturally Speaking*.

Second Part

Variable height beds, hydraulic or motorized;

Lifting/Reclining armchairs;
Bathroom aids (eg: shower chairs, grab rails);

Guide Dogs (Licensed through the Malta Guide Dog Foundation);
Service Dogs (Licensed through the Malta Service Dog Association);
Continuous positive airway pressure therapy (CPAP) machines;
Mobility Scooters;
Computers (including laptops, iPads and tablets);
Reader Pens (pen format OCR scanners and speech enabled readers for persons with Dyslexia, or very low vision;
Devices specifically for the blind (like large character display and voice based output) like victor reader, CCTV magnifiers and OCR scanners;
Smart home automation technology when being installed for the benefit of persons with neuro-degenerative diseases and wheelchair users;
Eye tracking and head tracking technology products when used to benefit persons with disability so as to enable screen pointer control and/or Assistive and Augmentative Communication;
Assisitve technology products like TheGrid, Clicker8, Boardmaker, Dragon Naturally Speaking.

*Tapplika għal modifiki li jkunu meħtieġa jsiru lil vetturi li diġà jkollu l-applikant.

*Applies to modifications that are required to vehicles that are already pre-owned by the applicant.

Nru. 519

AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA

Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,850 tat-3 ta' Mejju, 2022, kif emendata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 499 ippublikata fil-Gazetta tal-Gvern Nru. 20,853 tas-7 ta' Mejju, 2022, ngħarrfu illi f'Sezzjoni 2, immedjatament taħt il-lista ta' interventi eliġibbli jrid jiżdied dan li ġej:

Effiċjenza tal-Enerġija	**E4** **Sistema ta' Batterija**	Installazzjoni ta' sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli biex tiġi mqabbda ma sistema fotovoltajka. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - installazzjoni ta' sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli; - installazzjoni ta' apparat biex tqabbad standard inverter mas-sistema ta' batterija; - tibdil ta' standard inverter għall-hybrid inverter, meta x-xira tal-standard inverter ma sarx permezz ta' fondi pubbliċi; Installazzjoni ta' sistemi fotovoltajki, inkluż l-istruttura ta' support, inverter u konnessjoni tas-sistema ma humiex inklużi taħt din il-miżura. Id-daqs tas-sistema ta' batterija trid tkun addattata għad-daqs tas-sistema fotovoltajka li ħa tkun imqabbda magħha.

Is-sentenza taħt il-lista ta' interventi eliġibbli:

No. 519

THE ENERGY AND WATER AGENCY

Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations

WITH reference to Government Notice No. 468 published in the Government Gazette No. 20,850 of the 3rd April, 2022, as amended by Government Notice No. 499 published in the Government Gazette No. 20,853 published on 7th May, 2022, it is notified that in Section 2, the following is to be added immediately at the end of the list of eligible interventions:

Energy Efficiency	**E4** **Battery Storage**	Installation of a battery storage system to be connected to a PV system. Eligible interventions shall be: - installation of battery storage equipment; - installation of interface modules between standard inverters and battery storage; - changing standard inverters to hybrid inverters where the standard inverter has not been purchased with the support of funding; The installation of a PV system, including its supporting structure, inverter and connection are not eligible under this measure. The battery storage rating should be in accordance with the PV system it will be connected to.

And the sentence under the list of eligible interventions:

"L-applikanti jistgħu jipproponu kwalunkwe għadd ta' interventi taħt massimu ta' żewġ kriterji għal kull kategorija fl-applikazzjoni tagħhom. (Jistgħu jintgħażlu tnejn biss mill-kriterji W1, W2, W3, flimkien ma' żewġ kriterji minn E1, E2, u E3)"

Hija sostitwita bi:

"L-applikanti jistgħu jipproponu kwalunkwe għadd ta' interventi taħt massimu ta' żewġ kriterji għal kull kategorija fl-applikazzjoni tagħhom. (Jistgħu jintgħażlu tnejn biss mill-kriterji W1, W2, W3, flimkien ma' żewġ kriterji minn E1, E2, E3 u E4)"

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 520

AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA

Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji

B'REFERENZA għall-Iskema, kif stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 ippubblikat fit-3 ta' Mejju 2023 u l-emendi li segwew, qed jiġi avżat li qed tinħareġ Sejħa oħra għall-applikazzjonijiet taħt din l-Iskema.

L-applikazzjonijiet għal din is-Sejħa ser jiġu milqugħin b'mod validu **mid-29 ta' April, 2024 fl 4.00 p.m sas-6 ta' Mejju 2024 f'nofsinhar**.

L-applikazzjonijiet jistgħi jiġu sottomessi biss fuq is-sistema ta' applikazzjonijiet online, aċċessibbli mill-ħolqa murija fi Skeda II. Dawn **l-Applikazzjonijiet se jiġu rikonoxxuti, ipproċessati u kklassifikati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi.**

Is-sistema ta' applikazzjonijiet online se toħloq lista tas-sottomissjonijiet u tieqaf taċċetta iktar applikazzjonijiet meta l-fondi għal din is-Sejħa jiġu allokati proviżorjament, suġġett għall-verifika u għall-aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi.

Applikanti li rċevew offerta ta' għotja, wara li applikaw b'suċċess f'Sejħiet oħra taħt din l-Iskema, mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-fondi f'din is-Sejħa. Is-sistema ta' applikazzjonjiet online se tirrifjuta awtomatikament applikazzjonijiet mingħand dawn it-tip ta' Għaqdiet Volontarji.

Din is-Sejħa tista' tiġġedded, tiġi mmodifikata jew tintemm kmieni, inkluż għal raġunijiet ta' abbonament żejjed, permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern kif meqjus meħtieġ mill-Aġenzija.

"Applicants may propose any number of interventions under a maximum of 2 criteria per category in their application. (Only 2 out of criteria W1, W2, W3 can be chosen, along with 2 criteria from E1, E2, and E3) "

Is replaced with:

"Applicants may propose any number of interventions under a maximum of 2 criteria per category in their application. (Only 2 out of criteria W1, W2, W3 can be chosen, along with 2 criteria from E1, E2, E3 and E4);"

19th April, 2024

No. 520

THE ENERGY AND WATER AGENCY

Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations

WITH reference to the Scheme, as established by Government Notice No. 468 published on 3rd May, 2022 and subsequent amendments, it is hereby being notified that a new Call for applications is being issued under this Scheme.

Applications for this Call may be validly received between **the 22nd of April 2024 starting from 4.00 p.m. and ending on the 6th May, 2024 at noon**.

Applications may only be submitted through the online application system accessible through the link provided in Schedule II. Such **applications will be acknowledged, processed and ranked on a first come first served basis, subject to availability of funds.**

The online application system shall generate an automated list of submissions and shall not accept further application submissions once the funds available for this Call have been provisionally allocated, subject to review and acceptance of submitted applications.

Applicants that have received a grant offer as a result of a successful application in any previous call under this Scheme, are not eligible to apply for funding in this call. The Online Application system shall automatically reject applications from such Voluntary Organisations.

The Call may be renewed, modified terminated early, including for reasons of oversubscription, by means of a Notice in the Government Gazette as deemed necessary by the Agency.

L-Aġenzija għandha d-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda għal din l-Iskema permezz ta' Avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun fih tali emendi.

Skeda I

Regoli applikabbli għal din is-Sejħa jinstabu fuq is-sit tal-EWA: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/).

Skeda II

Is-Sistema ta' Applikazzjonijiet Online hija aċċessibbli fuq is-sit tal-EWA: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/).

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 521

AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA

Inizjattiva tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għall-promozzjoni tal-Użu ta' Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli minn Organizzazzjonijiet Volontarji

It-Tieni Sejħa

SABIEX jiġi mħeġġeġ ulterjorment l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, qiegħda titnieda l-Inizjattiva li ġejja biex l-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO) ikunu jistgħu jinstallaw u jħaddmu Sistema Fotovoltajka (PV) li għandha tintuża fil-bini tagħhom.

Din it-Tieni Sejħa hija applikabbli għal Organizzazzjonijiet Volontarji kif definiti fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kapitolu 492), li huma rreġistrati mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u li, fid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni f'termini ta' din l-Inizjattiva, jissodisfaw il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regoli disponibbli fuq is-Sit Web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

L-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu japplikaw biex jingħataw Għotja finanzjarja għall-installazzjoni u għall-ikkummissjonar ta' sistema PV li tikkonsisti minn jew tnax (12) jew minn erbgħa u għoxrin (24) pannella PV li għandhom jinżammu funzjonali matul il-perjodu ta' durabbiltà fil-bini użat mill-Organizzazzjonijiet Volontarji għall-attivitajiet volontarji tagħhom.

Barra minn hekk, kull applikant eliġibbli jiġi pprovdut b'għotja ta' EUR 5,000 jew ta' EUR 7,500, skont in-numru ta'

The Agency shall have the right to make any amendments to the Scheme by means of a Notice published in the Government Gazette containing such amendments.

Schedule I

Scheme Rules applicable to this Call available on EWA website: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/).

Schedule II

Online Application System available on EWA website: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/).

19th April, 2024

No. 521

THE ENERGY AND WATER AGENCY

Initiative to promote the Deployment of Renewable Energy Sources by Voluntary Organisations

Second Call

IN order to further encourage the use of renewable sources of energy, the following Initiative is being launched to enable Voluntary Organisations (VO) to install and run a Photovoltaic (PV) System to be used on their premises.

This Second Call is applicable to Voluntary Organisations as defined in the Voluntary Organizations Act (Cap. 492), which is enrolled with the Office of the Commissioner for Voluntary Organizations and which, on the date of submission of an application in terms of this Initiative, meets all the eligibility criteria laid down in the Rules available on the Energy and Water Agency's Website.

Voluntary Organizations may apply to be awarded a financial Grant towards the installation and commissioning of a PV system consisting of either twelve (12) or twenty-four (24) PV panels to be kept functional throughout the durability period on the premises used by the Voluntary Organizations for their voluntary activities.

Furthermore, each eligible applicant would be provided with a grant of either € 5,000 or € 7,500, depending on the

pannelli li ssir applikazzjoni għalihom. Din is-somma għandha tkopri l-ispejjeż tal-istruttura, tal-inverter, tax-xogħlijiet ta' installazzjoni u tal-parir professjonali.

L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu bejn l-10.00 a.m. tat-Tnejn, 29 ta' April, 2024 u l-10.00 a.m. tat-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024.

L-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni mitluba għandhom jinġabru u jiġu sottomessi lill-Awtorità Maniġerjali b'mod elettroniku permezz ta' posta elettronika kif indikat fir-Regoli.

L-applikazzjonijiet taħt din l-Inizjattiva se jintlaqgħu u jiġu evalwati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, soġġett għad-disponibbiltà kemm ta' fondi kif ukoll ta' moduli PV.

Is-Sejħa tista' tiġġedded, tiġi mmodifikata u tintemm kmieni, inkluż għal raġunijiet ta' sottoskrizzjoni żejda, permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern kif meqjus meħtieġ mill-Aġenzija.

L-Aġenzija għandu jkollha d-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda għall-Iskema permezz ta' Avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun fih dawn l-emendi.

Id-19 ta' April, 2024

number of panels applied for. This sum is to cover the costs of the structure, inverter, installation works and professional advice.

Applications will be received between 10.00 a.m. of Monday, 29th April, 2024 and 10.00 a.m. of Monday, 13th May, 2024.

The requested application and documentation are to be collated and submitted to the Managing Authority electronically via email as indicated in the Rules.

The applications under this Initiative will be received and evaluated on a first come first served basis, subject to availability of both funds and PV modules.

The Call may be renewed, modified terminated early, including for reasons of oversubscription, by means of a Notice in the Government Gazette as deemed necessary by the Agency.

The Agency shall have the right to make any amendments to the Scheme by means of a Notice published in the Government Gazette containing such amendments.

19th April, 2024

Nru. 522

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lill-persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap. 406.

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
2556-4820	Eligio Vella
2373-6912	IO Projects Limited
2373-6912	Kenneth Bugeja
2172-3203	Valerio Camilleri
2115-1234	PM International Limited
1688-7709	Blues Limited
1688-7709	Joseph Fenech Soler
2171-9819	Massimo Bruno
1770-6829	Chemfleet Shipping Ltd
1906-0030	Prime Mall Ltd

No. 522

VALUE ADDED TAX ACT
(CAP. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap. 406 has been issued in their regard.

VAT Number	*Tax Payer*
2556-4820	Eligio Vella
2373-6912	IO Projects Limited
2373-6912	Kenneth Bugeja
2172-3203	Valerio Camilleri
2115-1234	PM International Limited
1688-7709	Blues Limited
1688-7709	Joseph Fenech Soler
2171-9819	Massimo Bruno
1770-6829	Chemfleet Shipping Ltd
1906-0030	Prime Mall Ltd

1906-0030	Fabian Attard
1906-0030	Mark Grech
2042-8222	G. Skornos
1437-3311	Administration Investment Management Services Ltd
1437-3311	Kevin Zammit
2255-8807	A. Watt
2255-8807	W. Broughton
2255-8807	D. Cortis
2255-8807	S. Chadburn
2255-8807	D. Galea
1770-7019	Chenteam Shipping Ltd
1770-7019	M. Yildiz
2063-8914	Kfir Magen
1946-1709	Nuberu Marine Malta Limited

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KTD, Blk 5, Il-Furjana.

Id-19 ta' April, 2024

Nru. 523

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372) U ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż skont Artikolu 29 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372; u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuna msemmija aktar 'l isfel biex tmur id-Direttorat tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana, Objections u Appeals, Blokk 1, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana FRN 1700, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex tiġbor l-avviż/i maħruġa fuqha.

Isem	*Referenza*
Is-Sur Michael Zammit	520370M

Id-19 ta' April, 2024

1906-0030	Fabian Attard
1906-0030	Mark Grech
2042-8222	G. Skornos
1437-3311	Administration Investment Management Services Ltd
1437-3311	Kevin Zammit
2255-8807	A. Watt
2255-8807	W. Broughton
2255-8807	D. Cortis
2255-8807	S. Chadburn
2255-8807	D. Galea
1770-7019	Chenteam Shipping Ltd
1770-7019	M. Yildiz
2063-8914	Kfir Magen
1946-1709	Nuberu Marine Malta Limited

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk 5, Floriana.

19th April, 2024

No. 523

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372) AND VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Article 29 of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) Value Added Tax Act, Cap. 406

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the person listed hereunder to call at the Malta Tax and Customs Administration, Objections and Appeals Directorate, Block 1, Triq Vincenzo Dimech, Floriana FRN 1700, by not later than thirty days from the date of this publication to collect the notice/s issued on such person.

Name	*Reference*
Mr Michael Zammit	520370M

19th April, 2024

No. 524

MALTA ENTERPRISE

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar l-Iżvilupp ta'Negozju (2024), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti".

Ir-regolamenti huma meħtieġa sabiex jiffaċilitaw proġetti ta' valur miżjud, inklużi inizjattivi ta' negozju ġodda, start-up, espansjonijiet u attivitajiet ta' trasformazzjoni li għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali ta' Malta.

Barra minn hekk, l-iskema se tkun amministrata mill-Intrapriża ta' Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa il-"Korporazzjoni").

2. Sommarju u Sfond

L-iskema se tappoġġa inizjattivi li jwasslu għal opportunitajiet ġodda ta' negozju, il-ħolqien ta' impjiegi b'ħiliet u ħiliet għolja, aktar kompetittività u it-twessigħ tal-firxa tas-suq.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Il-leġiżlazzjoni tikkonsisti f'erba'(4) regolamenti kif ġej:

Ir-rregolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ.
Ir-regolament 2: Tifsir.
Ir-regolament 3: Tip ta' għajnuna.
Ir-regolament 4: Skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna.

4. Kummentarju

Ir-regolament 1 jistipula li dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2024.
Ir-regolament 2 jipprovdi t-tifsiriet tat-termini importanti.
Ir-regolament 3 jipprovdi li l-għajnuna pprovduta mill-Korporazzjoni lill-impriża eliġibbli għandha tkun fil-forma ta' għotja fi flus jew kreditu ta' taxxa.
Ir-regolament 4 jipprovdi li l-ebda għajnuna ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2030.

5. Sezzjoni Konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2024. Il-perjodu ta' xahrejn (2) imsemmi fl-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar ma għandux japplika peress li l-imsemmija regolamenti jaqgħu taħt l-eżenzjoni skont ir-regolament 2(ċ) tar-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (L.S. 512.01).

F'każ ta'mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ jikkuntattja lill-Korporazzjoni fuq (info@maltaenterprise.com).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-19 ta' April, 2024

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma konformi ma' u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

No. 524

MALTA ENTERPRISE

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

The title of these regulations is the Business Development (2024) Regulations, 2024, hereinafter referred to as the "regulations".

The regulations are necessary in order to facilitate value added projects, including new business initiatives, start-up, expansions and transformation activities that shall contribute to the regional development of Malta.

Furthermore, the scheme will be administered by Malta Enterprise (hereinafter referred to as "the Corporation").

2. Summary and background

The scheme will support initiatives that lead to new business opportunities, creation of skilled and highly-skilled employment, increased competitiveness and widening market reach.

3. Overview of the structure of the instrument

The legislation consists of four (4) regulations, as follows:

Regulation 1: Citation and commencement.
Regulation 2: Interpretation.
Regulation 3: Form of aid
Regulation 4: Deadline for submission of applications for assistance.

4. Commentary

Regulation 1 stipulates that these regulations shall come into force on 1st March 2024.
Regulation 2 provides the definition of the important terms.
Regulation 3 provides that is the aid provided by the Corporation to the eligible undertaking shall be in the form of a cash grant or a tax credit.
Regulation 4 provides that no assistance shall be granted by the Corporation after 31st December 2030.

5. Concluding section

These regulations shall come into force on 1st March 2024. The two (2) month period referred to in article 3(2)(b) of the Small Business Act (Cap. 512) shall not apply since the said regulations fall under the exemption provided by regulation 2(c) of the Small Business Act (Exemptions) Regulations (S.L. 512.01).

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Corporation on (info@maltaenterprise.com).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

19th April, 2024

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

Nru. 525

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareġ kull ġimgħa għax-xahar ta' Mejju 2024 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

No. 525

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of May 2024 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
29 Apr TB Tender Date	30 Apr	01 *Public Holiday*	02 TB Issue of 91 days maturing 1 August 2024 and 182 days maturing 31 October 2024	03
7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 6th May, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministerui għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://sahha.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt)

Id-19 ta' April, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' ħames (5) snin bħala Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' (1) sena.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni time-barred, il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Kemm Konsulent fuq Kuntratt A jew Kuntratt B huma eliġibbli li japplikaw u huwa d-dmir tal-bord tal-għażla li jagħżel lill-kandidat l-aktar adatt biex jimla l-pożizzjoni. Madanakollu, mal-ħatra, il-persuna maħtura tkun mitluba li preferibbilment taqleb għall-Kuntratt A jekk tkun qed taħdem fuq Kuntratt B.

2.5 Kwalunkwe persuna maħtura Chairperson Kliniku u li ma jkollhiex pożizzjoni permanenti ta' Konsulent tiġi maħtura Konsuletn ipso facto.

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt)

19th April, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) in the Department of Ophthalmology in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) in the Department of Ophthalmology in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a five (5) year assignment as a Clinical Chairperson (Ophthalmology)in the Department of Ophthalmology in the Ministry for Health and Active Ageing.

2.2 The position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position time-barred, the position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Both Consultants on Contract A or Contract B are eligible to apply, and it is the duty of the selection board to choose the most appropriate candidate to fill the position. However, upon appointment, the selected person shall be requested to preferably revert to Contract A if he/she is a Contract B holder.

2.5 Any person appointed Clinical Chairperson who does not hold a permanent Consultant post shall ipso facto be appointed Consultant.

2.6 Persuna li tkun Uffiċjal Pubbliku li jkollha pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fuq bażi kuntrattwali għal żmien definit, terġa lura għall-grad ta' Konsulent mat-tkomplija jew tmiem tal-kuntratt tagħha, dment li uffiċjal li jaqdi dmirijiet bi kredibbilta' bħala Chairperson Kliniku għal żewġ (2) termini sħaħ, jitpoġġa fuq bażi personali fuq skala ta' salarju li hi immedjatament ogħla mill-iskala tas-salarju sustantiv tiegħu.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 3 li fis sena 2024 huwa €43,542.00.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Oftalmoloġija) jinkludu li:

i. Jiżviluppa pjan ta' servizz stateġiku minn ħames sa għaxar snin inkluż proposti ta' servizzi ġodda u r-riżultat ta' nefqa kapitali, iż-żieda kapitali tan-nefqa kurrenti, kif ukoll il-bżonn tar-riżorsi umani u r-rekwiżiti tat-teknoloġija;

ii. Jipproduċi rapport annwali tad-Dipartiment b'enfasi tal-kiżbiet u dgħufijiet billi jirrevedi l-prestazzjoni tas-sena preċedenti;

iii. Iżomm rekord tal-għarfien, kompetenzi u esperjenzi tal-ħaddiema fil-Livelli kollha;

iv. Jassigura li hemm politika aġġornata f'postha tal-pjan tax-xogħol għad-Dipartiment li tkun f'konformità mal-ftehim tal-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta u jwettaq reviżjoni annwali jew qabel, tal-pjan tax-xogħol tal-Konsulenti u r-Residenti Speċjalisti fid-Dipartiment jekk meħtieġ;

v. Jippromovi u jissapportja taħriġ in-service biex iżomm il-kompetenzi u t-titjib tal-ħiliet;

vi. Jippromovi edukazzjoni tal-mediċina kontinwa biex jassigura manutenzjoni kontinwa ta' appoġġ ta' kwalità u parteċipazzjoni fil-programmi ta' taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni;

vii. Jikkummissjona verifiki minn membri tad-Dipartiment fi prattiki tax-xogħol biex jassessja l-kwalità tal-kura u jissorvelja l-iżvilupp ta' linji gwida u proċeduri;

viii. Jippromovi riċerka, innovazzjoni u l-aħjar prattika u jassigura l-aqwa użu ta' riżorsi disponibbli;

ix. Jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-akkwist ta' oġġetti meħtiega għall-prattika tiegħu inkluż tfassil ta' speċifikazzjonijiet, ikun parti mill-proċessi ta' aġġudikazzjoni, jipparteċipa fi

2.5 A public officer holding the position of Clinical Chairperson on a contractual basis for a definite period shall revert to the Consultant grade upon completion or termination of his/her term of the contract, provided that an officer who performs creditably as a Chairperson for two (2) full terms shall be placed, on a personal basis, on the salary scale which is immediately higher than the scale of his/her substantive grade.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) is equivalent to Salary Scale 3 which in the year 2024 is €43,542.00.

Duties

4.1 The job duties for the position of Clinical Chairperson (Ophthalmology) include:

i. Develops a five to ten year strategic development plan of service including proposed new services and resulting capital expenditure, increase in recurrent expenditure as well as necessary human resources and technology requirements;

ii. Produces a yearly Departmental report highlighting achievements and weaknesses by reviewing the performance of the previous year;

iii. Keeps records of staff knowledge, competences and experience at all levels;

iv. Ensures an updated job plan policy for the Department is in place in line with Medical Association of Malta agreement and carry out yearly job plan reviews of Consultants and RSs in the Department or earlier if needed;

v. Promotes and supports in-service training to maintain competences and enhancement of skills;

vi. Promotes continuous medical education in order to ensure continuous maintenance of quality support and participation in post graduate training programs;

vii. Commissions audits by members of the Department into working practices to assess quality of care and supervises the development of guidelines and procedures;

viii. Promotes research, innovation and best practice and ensures the best uses of resources available;

ix. Be actively involved in the procurement of items required for his/her practice including the writing up of specifications, being part of the adjudication process,

proġetti li għaddejjin u jkun kapaċi jipprovdi valutazzjoni ta' riskju u feedback fuq rapporti ta' inċidenti ta' apparat mediku;

x. Minn żmien għal żmien mistenni jagħmel taħriġ maniġerjali obbligatorju hekk kif gwidat mill-Isptar;

xi. Jaċċetta r-responsabbiltà u jipparteċipa f'attivitajiet li jirriżultaw minn sħubija jew affiljazzjoni mal-UE u networks internazzjonali tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u l-Isptar Mater Dei bħal European Reference Networks għall-Oftalmoloġija;

xii. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xiii. Iwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania. Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li tista' tiġi kkuntatjata wkoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi

participates in any ongoing projects and be able to provide risk assessment and feedback on medical device incident reports;

x. Be expected to undergo mandatory managerial training from time to time as guided by the Hospital;

xi. Accepts responsibility and participates in activities arising from the membership or affiliation with EU and international networks of the Ministry for Health and Active Ageing and Mater Dei Hospital such as the European Reference Networks for Ophthalmology;

xii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Performs any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description for the position may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted through email on (recruitment.health@gov.mt).

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence

Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

5.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom aktar minn hekk:

i. ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Oftalmoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Oftalmoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. (a) ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-Ispeċjalità rilevanti li turi li l-applikant temm tali taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għall-Oftalmoloġija; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST għall-Oftalmoloġija li tkun maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżel f'Parti 1 (b) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li din tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fl-Oftalmoloġija.

permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages.

5.2 By closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. Listed in the Specialist Register of Ophthalmology kept by the Medical Council of Malta; or

ii approved for inclusion in the Specialist Register of Ophthalmology kept by the Medical Council of Malta; or

iii (a) in possession of a certificate of completion of the Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant specialty, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Ophthalmology; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for Ophthalmology which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Ophthalmology.

5.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu aktar minn hekk ikollhom ħames (5) snin esperjenza full-time bħala Speċjalisti fl-Oftalmoloġija. Qed jiġi hawnhekk iċċarat li l-esperjenza ta' speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzajoni ekwivalenti li tkun maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed jiġi aktar minn hekk jiġi ċċarat ukoll li meta l-esperjenza tkun miksuba fuq bażi part-time jew fuq inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa, din tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

5.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have (5) years full time experience as a Specialist in Ophthalmology. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than 40hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

5.4 L-applikanti magħżula eliġibbli taħt paragrafu 5.2 (iii) (b) u paragrafu 5.2 (iii) (c) hawn fuq, iridu jkunu mniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u għandhom ukoll ikunu rreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

5.4 Successful candidates eligible under paragraph 5.2(iii) (b) and paragraph 5.2(iii) (c) above, must be listed in the relevant Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

5.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2 (iii) (b) u paragrafu 5.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' kwalunkwe diffikultà, għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti.

5.5 Candidates applying in terms of paragraph 5.2 (iii) (b) and paragraph 5.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that the qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta should be sought.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, jista jiġi kkonsultat minn (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx).

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx).

5.6 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2 (iii) (b) jew paragrafu 5.2 (iii) (c) hawn fuq, u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti kif speċifikat f'paragrafu 5.5 għandhom jinkludu kopja ta' dik id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati mhux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni meħtieġa xorta jistgħu japplikaw, dment li jissottomettu kopja tad-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien il-perjodu ta' xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu għal estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien sa xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment li qed jilqa' l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għal dan id-dewmien. Talbiet għal estensjoni lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.6 Candidates applying in terms of paragraph 5.2(iii) (b) or paragraph 5.2 (iii) (c) above and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 5.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is

ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.7 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.7, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.7 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.7, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 6th May 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'Livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni. huma (https://sahha.gov.mt), + 356 2299 2609, u (recruitment.health@gov.mt).

Id-19 ta' April, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Mediċina), Dipartiment tal-Mediċina, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali, (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Mediċina) fid-

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt), + 356 2299 2609, and (recruitment.health@gov.mt).

19th April, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Position of Clinical Chairperson (Medicine), Department of Medicine, in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of Clinical Chairperson (Medicine) in the

Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' ħames (5) snin bħala Chairperson Kliniku (Mediċina), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Mediċina) tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Kemm konsulent fuq kuntratt A jew kuntratt B huma eliġibbli li japplikaw u huwa d-dmir tal-bord tal-għażla li jagħżel lill-kandidat l-aktar adatt biex jimla l-pożizzjoni. Madankollu, mal-ħatra, il-persuna maħtura tkun mitluba li preferibbilment taqleb għall-kuntratt A jekk tkun qed taħdem fuq kuntratt B.

2.5 Kwalunkwe persuna maħtura Chairperson Kliniku u li ma jkollhiex pożizzjoni permanenti ta' Konsulent tiġi maħtura Konsulent ipso facto.

2.6 Persuna li tkun uffiċjal pubbliku li jkollha pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fuq bażi kuntrattwali għal żmien definit, terġa' lura għall-grad ta' Konsulent mat-tkomplija jew tmiem tal-kuntratt tagħha, dment li uffiċjal li jaqdi dmirijiet bi kredibbiltà bħala Chairperson għal żewġ (2) termini sħaħ jitpoġġa fuq bażi personali fuq skala ta' salarju li hi immedjatament ogħla mill-iskala tas-salarju sustantiv tiegħu.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Mediċina) huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 3 li fis-sena 2024 huwa €43,542.00.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku (Mediċina) jinkludu li:

i. Jiżviluppa pjan ta' servizz stateġiku minn ħames sa għaxar snin inkluż proposti ta' servizzi ġodda u r-riżultat ta' nefqa kapitali, iż-żieda kapitali tan-nefqa kurrenti, kif ukoll il-bżonn tar-riżorsi umani u r-rekwiżiti tat-teknoloġija;

Department of Medicine, Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a five (5) year assignment as a Clinical Chairperson (Medicine) in the Department of Medicine in the Ministry for Health and Active Ageing.

2.2 The position of Clinical Chairperson (Medicine), is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position on a fixed term, the position of Clinical Chairperson (Medicine), constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Both Consultants on Contract A or Contract B are eligible to apply, and it is the duty of the selection board to choose the most appropriate candidate to fill the position. However, upon appointment, the selected person shall be requested to preferably revert to Contract A if he/she is a Contract B holder.

2.5 Any person appointed Clinical Chairperson who does not hold a permanent Consultant post shall ipso facto be appointed Consultant.

2.6 A public officer holding the position of Clinical Chairperson (Medicine), on a contractual basis for a definite period shall revert to the Consultant grade upon completion or termination of his/her term of the contract, provided that an officer who performs creditably as a Chairperson for two (2) full terms shall be placed, on a personal basis, on the salary scale which is immediately higher than the scale of his/her substantive grade.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Clinical Chairperson (Medicine), is equivalent to Salary Scale 3 which in the year 2024 is €43,542.00.

Duties

4.1 The job duties for the position of Clinical Chairperson (Medicine), include:

i. Develops a five to ten year strategic development plan of service including proposed new services and resulting capital expenditure, increase in recurrent expenditure as well as necessary human resources and technology requirements;

ii. Jipproduċi rapport annwali tad-Dipartiment b'enfasi tal-kiżbiet u dgħufijiet billi jirrevedi l-prestazzjoni tas-sena preċedenti;

iii. Iżomm rekord tal-għarfien, kompetenzi u esperjenzi tal-ħaddiema fil-Livelli kollha;

iv. Jassigura li hemm politika aġġornata f'postha tal-pjan tax-xogħol għad-Dipartiment li tkun f'konformità mal-ftehim tal-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta u jwettaq reviżjoni annwali jew qabel, tal-pjan tax-xogħol tal-Konsulenti u r-Residenti Speċjalisti fid-Dipartiment jekk meħtieġ;

v. Jippromovi u jissapportja taħriġ in-service biex iżomm il-kompetenzi u t-titjib tal-ħiliet;

vi. Jippromovi edukazzjoni tal-mediċina kontinwa biex jassigura manutenzjoni kontinwa ta' appoġġ ta' kwalità u parteċipazzjoni fil-programmi ta' taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni;

vii. Jikkummissjona verifiki minn membri tad-Dipartiment fi prattiki tax-xogħol biex jassessja l-kwalità tal-kura u jissorvelja l-iżvilupp ta' linji gwida u proċeduri;

viii. Jippromovi riċerka, innovazzjoni u l-aħjar prattika u jassigura l-aqwa użu ta' riżorsi disponibbli;

ix. Iwassal lit-tim biex jipparteċipa b'mod attiv fl-akkwist u l-evalwazzjoni ta' prodotti ta' kwalità tajba li jintużaw fid-Dipartiment u jkun kapaċi jipprovdi valutazzjoni ta' riskju u feedback fuq rapporti ta' inċidenti ta' apparat mediku;

x. Minn żmien għal żmien mistenni jagħmel taħriġ maniġerjali obbligatorju hekk kif gwidat mill-Isptar;

xi. Jaċċetta r-responsabbiltà u jipparteċipa f'attivitajiet li jirriżultaw minn sħubija jew affiljazzjoni mal-UE u networks internazzjonali tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u l-Isptar Mater Dei bħal European Reference Networks għall-Mediċina Ġenerali/Interna;

xii. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

xiii. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xiv. Iwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

ii. Produces a yearly departmental report highlighting achievements and weaknesses by reviewing the performance of the previous year;

iii. Keeps records of staff knowledge, competences and experience at all levels;

iv. Ensures an updated job plan policy for the department is in place in line with Medical Association of Malta agreement and carry out yearly job plan reviews of Consultants and RSs in the Department or earlier if needed;

v. Promotes and supports in-service training to maintain competences and enhancement of skills;

vi. Promotes continuous medical education in order to ensure continuous maintenance of quality support and participation in post-graduate training programs;

vii. Commissions audits by members of the Department into working practices to assess quality of care and supervises the development of guidelines and procedures;

viii. Promotes research, innovation and best practice and ensures the best uses of resources available;

ix. Leads the team to actively participate in the procurement and evaluation of good quality products used in the Department and be able to provide risk assessment and feedback on medical device incident reports;

x. Be expected to undergo mandatory managerial training from time to time as guided by the Hospital;

xi. Accepts responsibility and participates in activities arising from the membership or affiliation with EU and international networks of the Ministry for Health and Active Ageing and Mater Dei Hospital such as the European Reference Networks for General/Internal Medicine;

xii. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 Further details of the job description for the position may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may

VLT 1171, li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

also be contacted through email on (recruitment.health@gov.mt).

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti aktar minn hekk:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti jew tal-Mediċina Ġenerali/Interna jew Gastroenteroloġija jew Mard Infettiv jew Nefroloġija jew Mediċina Respiratorja jew Rumatoloġija jew Baromediċina miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti jew tal-Mediċina Ġenerali/Interna jew Gastroenteroloġija jew Mard Infettiv jew Nefroloġija jew Mediċina Respiratorja jew Rumatoloġija jew Baromediċina miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-ispeċjalità rilevanti li turi li l-applikant temm tali taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt jew għall-Mediċina Ġenerali/Interna jew għall-Gastroenteroloġija jew għall-Mard Infettiv jew għan-Nefroloġija jew għall-Mediċina Respiratorja jew għar-Rumatoloġija jew għall-Baromediċina; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST jew għall-Mediċina Ġenerali/Interna jew għall-Gastroenteroloġija jew għall-Mard Infettiv jew għan-Nefroloġija jew għall-Mediċina Respiratorja jew għar-Rumatoloġija jew għall-Baromediċina li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżel f'parti 1 (b) tat-Tieni Skeda tal-Atta dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

